## FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 5 TA' SETTEMBRU, 1996

Avv Nru.240/96

Korporazzjoni Telemalta

vs

Arthur Vella

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 1996, fejn intalab il-hlas lil-Korporazzjoni attrici tas-somma ta' Hamsa u sebghin Lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm75.81) bhala kera u servizz tat-telephone bin-numru 343097, liema ammont huwa naqas li jhallas, minkejja mitlub jaghmel dan.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Jannar, 1995, u tal-Mandat ta' Qbid numru 138/95JV tat-2 ta' Frar, 1995, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda ta' Saviour Farrugia ufficjal inkarigat tal-Korporazzjoni Telemalta li kkonferma li l-ammont in kwistjoni ghadu dovut, u li dana jirrapresenta il-kera dovuta mil-1 ta' Lulju, 1992, sal-ahhar ta' Ottubru, 1993.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-Korporazzjoni attrici u jikkundanna lil konvenut jhallas lil-Korporazzjoni attrici l-ammont ta' Hamsa u sebghin Lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm75.81) ghall kera tat-telephone bin-numru 343097; bl-imghax mit-2 ta' Jannar, 1995, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Jannar, 1995, u tal-Mandat ta' Qbid numru 138/95JV tat-2 ta' Frar, 1995;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.